IL-KATTIDRAL

TA' L-ASSUNTA

IL-BELT, VITTORJA - GHAWDEX

AWISSU - 1965

www.gozocathedral.org.mt

LIL DAWK KOLLHA

LI FL-IMGHODDI HADMU

LI LLUM QED JAHDMU

U GHAD JAHDMU FIL-ĠEJJIENI

GHALL-ĠID

TAL KATTIDRAL TA' L-ASSUNTA

TAR-RABAT — GHAWDEX

DAN IX-XOGHOL CKEJKEN

NIDDEDIKAW

Għaliex dan il-Ktejjeb? L-iskop ta' dan il-ktejjeb hu li jħeġġeġ lin-nies ta' l-ewwel parrocca tal-Gżira Għawdxija jibqgħu magħqudin flimkien qishom il-weraq ta' qaqocca waħda għax b'hekk biss il-ħidma f'kull fergħa ta' l-apostolat ta' din il-Knisja Kattidrali tista' titwarrad u tagħti frott iktar kotran.

Mgr. C. Scicluna.

Stampat fl-ORPHANS' PRESS, Għajnsielem, Gozo.

www.gozocathedral.org.mt

TRID TKUN ŻGUR MINN FLUSEK

U LI JAGĦTUK IMGĦAX KBIR?

INVESTIHOM

FIN-"NATIONAL BANK OF MALTA"

HAWN ĦAĠA !!!

- Tinxtara b'55/- fix-xahar.
- Wicc formica.
- Ġewwa enamel.
- Ma taħlix.

X'INHI ? ? ?

REFRIGERATOR Singer

MORRU: CENTRU SINGER

50, Main Gate Str., — Rabat — Gozo.

Dial: 76124

www.gozocathedral.org.mt

IXTRU

SRIEDAQ U GHAWWIETAQ

TA' BARRA

MILL-WEMBLEY STORE

Kingsway, Valletta, Malta.

Dial 25147 - 25148 - 26358 - 26631

Tinsewx li tixtru
mill-Wembley Store,

Valletta.

Dejjem tinqdew tajjeb.

www.gozocathedral.org.mt

GOZO TRAVEL

Bl-Ajru jew bil-Baħar, għal kull parti tad-Dinja.

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

114, Racecourse Str., Victoria, Gozo.

Tel: 76333.

Walter Tabone

101, St. Christopher Street, Valletta.

Phone C. 27945.

Finest crystal Chandeliers

for Churches a speciality.

Glass-Houses, Metal or Timber all types.

www.gozocathedral.org.mt

Jekk trid ikollok

nuccali tajjeb u perfett

mur għand id-ditta

D. TANTI & CO. LTD.

Fuq SAN GWANN

il-Belt, Malta jew tas-Sliema

Prezzijiet mill-orħos u xogħol

Garantit

Sejjer tixtri Television?

Mela jekk ma tridx li jiddispjacik ixtri Television Ġermaniż

"Schaub Lorenz"

(Including interference free for

future colour telecasts)

Arawhom għand:-

C. Xuereb

26, Charity Str., Victoria, Gozo

GRECH'S CENTRAL STORE

VICTORIA, GOZO **Tel. 76633.**

Ghal Refrigerators:

Zanussi, Naonis, Atlantic u G.E.C.

Kcejjen ta' kull ghamla u qies, Venetian Blinds ta' kull kulur, Servis Washing Machines, ta' sentejn garanzija

Xoghol ta' Spray b'kull kulur u qtugh ta' travi.

PREZZIJIET MODERATISSIMI

www.gozocathedral.org.mt

Francis Abela & Sons

876 ST. JOSEPH ROAD

BLATA il-BAJDA HAMRUN

- Arġentatura u induratura ta' xogħol qadim tar-ram għall-knejjes u djar.
- Plating tan-nickel u chromium ta' kull xogħol qadim.
- Kull xogħol ġdid tar-ram jew bronze għall-knejjes bħal gandlieri tal-liturġija l-gdida, gandlieri ta' kull daqs u għamla, taberna-koli, etc.
- Xogħol ġdid għad-djar bħal ma huma ittri tal-bronze bħal isem, ħbabat, letters, etc.

C.W.S. CUSTARD POWDER

L-aqwa u l-itjeb

Offru Custard tas-C.W.S. f'kull okkażżjoni

li jkollkom.

Il-Custard tas-C.W.S. jiswew punti fl-iskema ta' rigali b'xejn ta' li Spel.

EMM. BONELLO, 10, Fra Diegu Street,

Marsa. Tel. 26452.

www.gozocathedral.org.mt

Dehra waqt il-purcissjoni li saret meta s-Socjeta' Fil. "Il-Leone" rregalat l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija fid-29 ta' April, 1956.

www.gozo.org.mt

ID-DEVOZZJONI TA' L-GHAWDXIN LEJN L-ASSUNTA

Id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn l-Assunta tgħodd bosta snin. Tant hu hekk li l-Prinċep tal-poeti Għawdxin seta' jgħid mill-poplu Għawdxi dawn il-kelmiet: "U l-ewwel tron li twaqqaf fil-gżira / kien tron lill-Assunta biex fuqu titgħolla / u biex jibqa' dejjem bħal mafkar ta' mħabba, / il-knisja ewlenija u Omm l-oħrajn kollha". Dan ifisser li minn żmien San Pawl l-Għawdxin urew imħabba ħarqiena lejn l-Assunta. Knejjes oħra mwaqqfin f'ġieħ l-Assunta llum huma l-Knisja Bażilka Ta' Pinu kif ukoll il-Knisja Arcipretali u Matriċi taż-Żebbuġ. Fil-qedem anki s-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala kien iddedikat lill-Assunta. Jixraq hawnhekk insemmu li żmien ilu f'Għawdex kien hawn il-knisja ta' l-Assunta hekk imsejħa ta' Apap, il-knisja ta' l-Assunta mibnija minn Franġisk De Manuele finnaħa ta' l-Għasri u l-knisja ta' l-Assunta mibnija fil-ġnien ta' Glormu Bigeni u li kienet tissejjaħ ta' Għajn Xejba. U żgur li ma hawnx knisja f'Għawdex li ma għandhiex artal jew kwadru mwaqqaf f'ġieħ Marija Assunta.

Fost il-kwadri sbieħ ta' l-Assunta li nsibu Għawdex ta' min isemmi l-kwadru titulari tal-Knisja Kattidrali ta' Mikiel Busuttil, dak tal-Prof. G.B. Conti fil-knisja Parrokjali u Bażilka ta' S. Ġorġ, dak ta' Amadeo Perugino fil-Bażilka Ta' Pinu, dak ta' Monti fil-Kolleġġjata tax-Xagħra, dak ta' De Domenicis fil-knisja Arcipretali taż-Żebbuġ, dak ta' Cali' fil-parrocca ta' Għajnsielem u dak li kien hemm fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala u li llum jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' l-istess raħal u li hu l-iktar wieħed antik ta' gżiritna. U kull Għawdxi li jaf iħaddem il-pinzell fisser fuq it-tila mħabbtu u mħabbet niesu lejn Marija mtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Din id-devozzjoni l-Għawdxin urewha wkoll permezz ta' festi kbar iddedikati lil Marija Assunta. Sa mill-ibgħad żmenijiet saru festi lil Din il-Patruna Principali ta' gżiritna. Iżda dawn il-festi ħadu xejra kbira meta l-Isqof Agostinjan Camilleri reħa f'idejn is-Socjeta' Fil. "Il Leone" il-festi esterni ta' S. Marija. Din is-Socjeta' ħadet ħsieb biex fl-istess sena ġabet statwa sabiħa ta' Marija Assunta minn Ruma u li llum l-istess Socjeta' tat b'xejn lill-Knisja Kattidrali biex tkompli tkabbar id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn l-Assunta.

www.gozocathedral.org.mt

Din id-devozzjoni wkoll jixhdu n-nicec ta' Marija Assunta mxerrdin mal-gżira kollha, il-kwadri ta' Marija Assunta li jinsabu fi djarna, l-ismijiet ta' Marija Assunta u ta' Marju li jġibu bosta Għawdxin, l-ismijiet ta' Santa Marija li jġibu l-għelieqi tal-bdiewa taghna, id-dgħajjes tas-sajjieda tagħna, id-djar tal-familji tagħna, u t-triqat ta' gżiritna. Din id-devozzjoni jixhdu l-poeżiji li raqqmu l-poeti Għawdxin lil Marija Assunta, l-istatwi ta' Marija Assunta li nħadmu mill-idejn ta' skulturi Għawdxin, l-innijiet mużikali lil Marija Assunta li ħarġu mill-idejn tal-mużicisti Għawdxin kif ukoll l-Innu Mużikali lil Marija Assunta tas-surmast O. Crescimanno. Din id-devozzjoni jixhdu r-rigali ta' flus, ta' ġiżirani, ta' kullani, ta' msielet, ta' brazzuletti, ta' labar u ta' crieket tad-deheb li joffru dejjem l-Għawdxin fejn tinsab meqjuma Marija Assunta. U fuq kollox din id-devozzjoni jixhdu l-pellegrini ta' bla għadd li jżuru dan is-Santwarju Assunzjonistiku matul is-sena u specjalment nhar il-festa tagħha fil-15 ta' Awissu meta mit-3 a.m. jibdew jaslu l-pellegrini minn kull rokna tal-gżira Għawdxija.

Bir-raġun kollu mela, il-Patri Gabrieli M. Roschini l-aqwa Marjoloġ-sta ta' żmienna, seta' jikteb dawn il-kelmiet fl-"Osservatore Romano" tat-18 ta' Ottubru 1950: "Fost in-numru bla għadd ta' petizzjonijiet mibgħuta lis-Santa Sede għad-definizzjoni dommatika tal-Assunzjoni bil-ġisem ta' Marija SS., dik tal-Kattolicissima Djocesi ta' Għawdex tirrappreżenta karatteristika unika. Il-fidili kollha ta' dik id-Djocesi llustri mingħajr ebda eccezzjoni b'unanimita' mhux biss morali imma wkoll matematika, iffurmaw petizzjoni għad-definizzjoni dommatika tal-Assunzjoni... Quddiem dan l-eżempju waħdieni, jissokta jikteb dan il-magħruf Marjoloġista, fl-istorja kbira tal-moviment assunzjonistiku, wieħed reliġjuż stqarr: "Imma dan hu miraklu!" Tassew hekk: veru miraklu tal-fidi u tad-devozzjoni tal-fidili ta' Għawdex lejn il-Verġni SS. mtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fis-sema.

IL-BIDU TAL-FRATELLANZA

TA' SANTA MARIJA

MONS. TARĊISJU GATT
L-Ewwel Direttur Spiritwali

Kongregazzjoni: B'inizzjattiva tas-Sur Vincenzo Cauchi, mill-Belt Vittorja, matul is-sena 1950, is-sena tad-domma ta' l-Assunta, numru ta' nies bdew jorganizzaw pellegrinaġġi għall-Knejjes ta' Għawdex iddedikati lill-Madonna, saħansitra anki l-Kappelli tas-Seminarju u tal-Konservatorju tal-Isqof. Dawn in-nies iffurmaw bejniethom il-Kongregazzjoni ta' l-Assunta fl-1 ta' Diċembru 1950, bħala tifkira tad-definizzjoni tad-Domma. Il-membri ta' din l-għaqda jintrabtu li jgħidu kuljum ir-4 posta tal-Glorja tar-Rużarju Mqaddes, u li jiltaqgħu darba fix-xahar fi Knisja ddedikata lill-Madonna, jew almenu quddiem altar tagħha u jgħidu flimkien ir-Rużarju Mqaddes u l-Kurunella ta' l-Assunta.

L-istatuti tal-Kongregazzjoni ġew approvati mill-Eċċza. Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Pace nhar id-19 ta' Marzu 1952, meta ħatar lil Dun Ġużepp Farrugia Vella (illum Monsinjur) bħala l-ewwel Rettur tagħha. Mons. Isqof żied statut ieħor li jobbliga lill-imseħbin li jkunu jistgħu, li jattendu għall-Pontifikali li jsiru fil-Kattidral.

Meta mbagħad, fid-29 ta' April, 1956 l-istatwa tal-Assunta li kellha l-Banda Leone ġiet mogħtija lill-Kattidral, il-fundatur tal-Kongre-

IS-SUR VINĊENZO CAUCHI
L-Ewwel Rettur.

www.gozocathedral.org.mt

gazzjoni ħass li l-Kongregazzjoni kellha ssir fratellanza ta' l-Assunta. Billi l-Isqof f'dik is-sena kien sejjer Ruma bil-vista pastorali, Vincenzo Cauchi avvicinah u wrieh il-ħsieb tiegħu. L-Isqof, meta sar jaf li l-membri tal-Kongregazzjoni kienu ġa saru 326 nisa u 72 irġiel, u li ħafna kienu lesti li jilbsu ta' fratelli, wiegħed lis-Sur Cauchi li jagħmel kull ma jista'.

Fratellanza: U l-fratellanza, li hija t-tieni waħda fid-dinja ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, ġiet imwaqqfa fis-sena 1957. Mons. Isqof għaqqad il-fratellanza ma' dik li ġġib l-istess isem f'Ruma li ta' kull sena tieħu ħsieb tagħmel eluf ta' quddies għall-erwieħ talpurgatorju. L-ilbies tal-ewwel fratelli tbierek minn Mons. Isqof nhar l-ewwel ġurnata tat-Tridu ta' Santa Marija ta' l-istess sena, u filprocessjoni ta' nhar il-festa, imbagħad il-fratellanza tal-Assunta ħarġet l-ewwel darba fil-publiku.

Fil-laqgħa li nżammet fl-Oratorju tal-Kattidral nhar il-Hadd, 6 ta' Novembru 1960, Mons. Tarcisju Gatt, l-ewwel prokuratur tal-fratellanza, ħabbar li Mons. Isqof kien għażel bħala l-ewwel Rettur lill-istess fundatur tal-fratellanza, Vincenzo Cauchi. Intagħżlu wkoll l-ewwel 4 definituri li huma Felice Busuttil, Ġiorgio Tabone, Ġużeppi Cauchi u Salvatore Xerri. In-numru tal-imseħbin sa dak in-nhar kien 798, iżda llum sar 1120.

Il-Fratellanza ta' l-Assunta toffri bosta privileġġi lill-membri tagħha. Barra mid-dritt għas-sagħtejn agunija waqt il-mewt, kull imsieħeb li jmut issirlu quddiesa għal ruħu u tintbgħatlu l-bandiera tal-fratellanza għall-funeral. Fil-15 ta' kull xahar bħala tifkira tal-15 ta' Awissu l-Għid ta' l-Assunta, titqaddes Quddiesa li minnha jieħdu sehem l-imseħbin kollha ħajjin u mejtin. Fis-7 festi principali tal-Madonna titqaddes quddiesa għar-ruħ il-mejtin kollha. Fit-tielet Hadd ta' Novembru ssir l-Uffizzjatura Sollenni fil-Kattidral u l-għada jkun hemm il-quddies għar-ruħ il-mejtin kollha membri tal-fratellanza.

www.gozocathedral.org.mt

IL-KATTIDRAL U L-EWWEL CENTINARJU TAD-DJOCESI

L-Isqof G. Pace li qed jaħdem bis-sħiħ għall-ġid tal-Knisja Kattidrali.

Mat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, fit-22 ta' Settembru, 1864, il-Knisja tagħna magħrufa bħala l-Matriċi, ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kattidral. Kien jixraq, għalhekk, li biċċa sewwa mill-festi li saru f'Għawdex mit-2 sad-9 ta' Mejju, 1965 bħala tifkira tal-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tad-djoċesi, isiru fil-Kattidral, kif tassew sar.

Infatti, nhar il-Ħadd, 2 ta' Mejju, fil-5 p.m. il-Kapitlu tal-Kattidral, kif ukoll il-Kleru u s-Seminaristi ħarġu proċissjonalment mill-Kattidral u marru t-Tokk fejn sar Pontifikal sollenni mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Paċe, Isqof ta' Għawdex. Pellegrinaġġi mill-Kolleġġjati tal-Għarb, Nadur u Xagħra ġew organizzati nhar l-Erbgħa, 5 ta' Mejju fis-6.00 a.m. għall-Kattidral tagħna. Mons. Isqof qaddes quddiesa letta u għamel diskors taċ-ċirkustanza.

Iżda l-aqwa okkażżjoni tal-festi ċentinarji bla dubju ta' xejn kienet il-Pontifikal sollenni li sar fil-Kattidral, mill-Kardinal Luiġi Traglia, nhar il-Ħadd, 9 ta' Mejju, 1965 fit-8.30 a.m. Bosta kienu l-personalitajjiet li attendew għal dan il-Pontifikal:- l-Arċisqof Gonzi, l-Isqof tagħna, Ġużeppi Pace, l-Isqof Emm. Galea, rappreżentanza tal-Kapitolu tal-Kattidral ta' Malta. Arċipreti u Kappillani ta' Għawdex u rappreżentanza tal-Kapitli tal-Għarb, Nadur u Xagħra mlew il-presbiterju. Il-Gvernatur u l-Prim Ministru kienu fil-kursija fuq żewġ bradelli armati apposta. Madwarhom u warajhom kien hemm il-Kavallieri ta' San Ġwann, ministri, il-membri tal-parlament għal Għawdex u l-membri tal-Kunsill Ċiviku. Il-patrijiet u s-sorijiet kienu fis-Salib fil-waqt li numru kbir ta' nies komplew jimlew il-Knisja kollha bħal bajda. Il-Kattidral, imżejjen bl-armar ta' Santa Marija kien fih dehra li tgħaxxqek dak in-nhar, tant li l-fotografi li kienu taħt il-monument ta' Piju IX kellhom tassew x'jagħmlu biex jieħdu ritratti ta' din il-ġrajja hekk sabiħa.

Biex dawn il-festi ma jintesewx fil-Kappella ta' San Franġisk di Paola twaħħlet lapida ta' rħam li tfakkar għal dejjem il-ġrajja tal-festi tal-ewwel ċentinarju tad-Djoċesi Għawdxija, speċjalment il-Pontifikal tal-Kardinal fil-Kattidral.

www.gozocathedral.org.mt

Mons. Isqof Ġius. Pace, Isqof t'Għawdex, qed jircievi l-medalja tad-deheb minn idejn il-Kardinal Luigi Traglia, li ġiet irregalata lid-Djocesi t'Għawdex f'għeluq l-Ewwel Centinarju tad-Djocesi.

www.gozocathedral.org.mt



Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI biex jgħaqqad il-festi ta' l-ewwel centinarju mit-twaqqif tad-Djocesi Għawdxija mal-Kattidral tagħna bagħat lill-Għawdxin medalja tad-deheb, b'xewqa mfissra minnu stess biex tintrefa, fil-Kattidral. Din hi l-medalja li qegħdin taraw f' dan ir-ritratt.

www.gozocathedral.org.mt

Waħda mil-Linef ta' taħt l-Arkaturi fin-navati tal-Korsija.

www.josephcalleja...al.org.mt

SETT LINEF GODDA

Opra għal kollox grandjuża hija s-sett ta' għaxar linef tal-kristall li qed jiżżanżnu din is-sena.

Biex saru dawn il-linef ħalla somma kbira ta' flus il-mibki benefattur ta' din il-Knisja, Vitor Gatt. U l-Ecc. Tiegħu Mons. Isqof Ġius. Pace flimkien mal-Kapitlu ta' din il-Knisja Nsinji taw l-għajnuna tagħhom finanzjarja wkoll biex dawn il-linef ikunu mill-isbaħ jekk mhux l-isbaħ f'dawn iż-żewġ gżejjer.

Dawn il-linef ġew maħduma fi Munich, il-Ġermanja fuq id-disinn tas-Sur Ġużè Galea tar-Rabat, Malta. Ġew ordnati għand l-Aġenti Messrs. Walter Tabone tal-Belt Valletta. Is-Sur Ġużi Tabone, li hu manager ta' din l-Aġenzija, għoġbu jirregala żewġ linef żgħar li jitqegħdu mal-pavaljun tal-Istatwa ta' Santa Marija.

Victor Gatt, il-benefattur tal-Linef

Dawn il-linef huma mibnijin f'ħames ringieli ta' dawl. Dawk ta' taħt in-navi li huma twal 7 piedi u 9 pulzieri fihom 56 dawl kull waħda, filwaqt li l-linef tas-Salib tal-Knisja, li huma twal 13 il-pied fihom 86 dawl kull waħda.

Il-linef ġew mibnija u mżejnin b'sengħa l-iżjed kbira mit-tekniku Amleto Mompalao tar-Rabat Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt

Dati Storici Fl-Istorja tal-Knisja Kattidrali Ta' Ghawdex

216 Qabel Kristu	Għawdex Pagan jiġi nkorporat mas-Senat ta' Ruma u mgħolli għad-dinjita' ta' Muniċipju Għoli
216/200 circa	Għawdex iddedikat lill-Allat Nisa Venere u Gunone. Imwaqqaf il-Maqdes ewlieni tagħhom fuq l-għolja tal-Gran Castello fejn illum hemm il-Knisja Kattidrali
26 AD	Approvat il-kult lejn Livia Drussilla. L-Għawdxin jtellgħulha Statwa tar-irħam u jnaqqxu skrizzjoni fil-Maqdes ta' Venere u Gunone. Livia Drussilla adurata mill-Għawdxin taħt l-ismijiet ta' CERES, VENERE, GUNONE u DIANA.
60	L-Appostlu San Pawl fi triqtu lejn Ruma jasal Malta wara n-Nawfraġju. Nukleu żgħir ta' Maltin ikkonvertiti għall-Fidi ta' Kristu mill-Appostlu tal-Ġnus.
60	Leħen San Pawl jinstama' b'miraklu mir-raħal tax-Xewkija. Nukleu ta' Għawdxin ikkonvertiti għall-Fidi ta' Kristu.
60	Saret l-ewwel knisja nisranija, jiġifieri dik li llum hi Kattidrali.
60	Il-Maqdes ta' Venere u Gunone fil-Gran Kastell iddedikat lil Marija Santissima taħt it-titolu devot ta' l-Assunzjoni Tagħha. Għawdex iddedikat lill-Assunta.
533	Il-Ġeneral Belisarju ta' l-Imperatur Ġustinjanu jieqaf Għawdex bl-armati tiegħu u jżur il-Matriċi ta' l-Assunta.
1090	Il-Għarab daħlu f'din il-Knisja u għamlu ħerba minn kull ma ġie f'idejhom.
1090	Ruġġieru d'Altavilla "In-Nurman" jaħkem Għawdex, ikeċċi s-Saraċini, jibni mill-ġdid il-Matriċi u jħallilha benefikati.
1249	Is-Sultan San Lwiġi IX ta' Franza jasal Għawdex lura mill-Kruċjati u jafda l-ġisma tal-mejtin l-Il-Kapillan Maġġur tal-Matriċi għad-dfin.
1292	Il-Ġurati ta' Għawdex jagħmlu applikazzjoni lill-Papa Bonifaċju IX biex Għawdex jinqata' Djoċesi minn Malta w il-Matriċi ssir Kattidral. Ir-rikors mhux milqugħ.
1428	Il-Gżejjer jirvellaw kontra l-Konti ta' Malta — Gonsalvo Monroy.
1429	Jibda l-ġbir għall-Fidwa ta' Malta. Il-Matriċi ta' Għawdex tqiegħed il-fided tagħha fuq l-artal tal-Pajjiż.
1429	Għawdex meħlus mill-Pesta bl-Interċessjoni ta' l-Assunta u Sant' Ursla.
1492	Rikors tal-Ġurati ta' Għawdex lill-Papa Innoċenzju VIII biex tinqata' d-Djoċesi minn Malta. Ir-rikors mhux milqugħ.
1492	Rikors tal-Ġurati ta' Għawdex lill-Papa Allessandru VI biex tinqata' d-Djoċesi minn Malta u togħla għad-dinjita' ta' Kattidral il-Matriċi tal-Assunta. Rikors mhux milqugħ.
1493	Jitpitter it-Titular l-antik minn studenti ta' Antonello da Messina spejjeż tan-nobbli Ferdinando de Castelletti da Paterno'.
1530	Miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann fil-Gżejjer ta' Malta. Il-Ġurati ta'

www.gozocathedral.org.mt

Għawdex jiċħdu l-Att ta' Sottomissjoni lill-Gran Mastru L'Isle Adam.

1530 Il-Gran Mastru L'Isle Adam iżur il-Matriċi tal-Assunta u jipproklama l-Knisja Uffiċjali ta' l-Ordni f'Għawdex.

1551 Assedju l-Kbir ta' Għawdex. Rajjes Dragut jieħu l-Kastell, iġorr l-Għawdxin ilsiera, jaħraq l-arkivji u jharbat il-Matriċi. It-titular l-antik salvat u moħbi ż-Żebbuġ.

1559 Il-Gvernatur ta' Għawdex Fra Juanito Torellas iħallas għall-pittura tal-Madonna DE SOLIDAD, illum imsejħa "Il-Madonna tal-Mina".

1565 L-Assedju l-Kbir ta' Malta. Il-Gvernatur ta' Għawdex u l-Poplu jagħmlu wegħda lill-Assunta għall-ħelsien ta' Malta.

1565 F'Settembru Rebħa tal-Maltin fuq it-Torok. Il-Gvernatur Torellas jippreżenta Lampier tal-fidda lill-Matriċi bi tkomplija tal-wegħda tal-Għawdxin għall-Assedju.

1567 Il-Gran Mastru La Vallette jżur il-Matriċi u jagħti d-dritt tas-"SEDJA" lill-Gvernatur u l-Luogotenent tiegħu fil-Matriċi tal-Assunta.

1568 Laqgħa tal-Kleru Regulari u Sekulari straordinarja fil-Matriċi biex jixxandar l-Editt tal-Kostituzzjoni tal-Konċilju ta' Trentu.

1570 Sallum Sabina u San Ġakbu kienu jservu għall-amministrazzjoni tas-Sagramenti b'għajnuna lill-Matriċi.

1575 Sagra Viżitazzjoni Pastorali ta' Monsinjur Pedro Duzzina. Il-Matriċi tinstab fi stat mill-aħjar servuta b'ħafna saċerdoti. Duzzina jagħti l-Beni ta' Sabina u San Ġakbu lill-Kapillan Maġġur tal-Matriċi u ta' San Ġorġ.

1575 Mons. Duzzina jwaqqaf il-Fratellanza tas-Sagrament.
Twaqqfu l-ewwel Kwaranturi ta' Għawdex f'din il-Knisja.

1576 L-Assunta maħtura Patruna Speċjali ta' Għawdex.

1582 Terremoti u Pesta Bubonika. Wegħdiet tal-Ġurati lil Sant'Ursla.

1591 Il Ġurati jaħbtu għal Għawdex. Wegħda mill-Poplu lil Sant'Ursla. Il-Ġurati jivvutaw nefqa ta' 15-il skud fis-sena "in perpetuum" għal-Lampier tal-Assunta biex teħles il-Pajjiż minn din is-saħta. Xita Kbira. Il-Ġirati jmutu w ir-raba' jibda jieħu r-ruħ.

1597 Jinżlu Għajn Barrani furbani ta' Algiers iżda ma jaħkmu lil ħadd.

1600 L-Inkwiżitur ta' Malta, il-Kardinal Fabrizio Verallo, jżur Għawdex. Jaħtar il-Patrijiet Minuri Konventwali Pro-Inkwiżituri għal Għawdex.

1603 Iżur l-Għawdex is-Sultan Alophius de Wignacourt.
Jirregala tlitt Fjordalisi tad-deheb lill-Matriċi. Joqgħod ġimgħa għand il-Gvernatur fil-Gran Kastell.

1610 Petizzjoni lill-Papa Pawlu V mill-Kleru kollu tar-Rabat biex tinqata' d-Djoċesi minn Malta u togħla għad-dinjità ta' Kattidral il-Matriċi tal-Assunta.

1614 Il-Gvernatur ta' Għawdex, in-nobbli Fra Eugenio Ramirez Maldonado' jippreżenta relikwija insinji ta' Sant'Ursla u Statwa tal-Qaddisa Patruna ta' Għawdex lill-Matriċi. Il-Ġurati joħorġu somma ta' 7 skudi fis-sena 'in perpetuum' għal-Lampier ta' din il-Qaddisa.

www.gozocathedral.org.mt

1615 L-Isqof Cagliares iqatta' l-btala tas-sajf fil-Palazz tal-Gvernatur fil-Gran Kastell. Imexxi l-festa ta' l-Assunta b'Pontifikal Solenni u Purċissjoni mad-dawra tas-swar.

1619 Hbit tal-Ġirati fuq l-irħula tan-Nadur u Xagħra. Pellegrinaġġ minn dawn l-irħula b'ringrazzjament lill-Assunta għall-Matriċi.

1623 Għawdex meħlus mill-Pesta bl-interċessjoni ta' l-Assunta.

1623 Il-Matriċi maħtura Kolleġġjata mill-Isqof Cagliares fi żmien il-Papa Urbanu VIII.

1624 Tpittru il-Kwadri tal-Madonna tar-Rużarju u t-Trasfigurazzjoni f'Ruma minn allijievi tal-famuż Caravaggio. Ħallas għalihom Dun Martinu Spilotta.

1626 Giuseppe D'Arena hekk imsejjaħ "Il Romano" pitter kopja ta' l-Aħħar Ċena għall-Matriċi fuq il-Kapulavur ta' l-imgħallem tiegħu Guercino.

1631 Giuseppe D'Arena jpitter il-Kapolavur tiegħu, San Franġisk de Paola.

1631 Il-Gvernatur ta' Għawdex, il-Kommendatur Fra Stefano dal Portico, jirregala Lampier tal-fidda lil San Franġisk de Paola fil-Matriċi.

1635 L-Isqof Balaguer jagħmel żjara lill-Matriċi. Jgħamar li l-Palazz ta' l-Isqof Cagliares fil-Kastell isir ta' l-Arċipriet tal-Matriċi.

1638 Fil-5 ta' Mejju theżżiża kbira ma' Għawdex u dalma kbira bejn is-2 u s-2 u nofs ta' wara nofs in-nhar. Pellegrinaġġ Penitenzjali li fih ħadu parti l-Gvernatur Onorato Lascaris u l-Ġurati. Telaq minn Santa Marija tal-Qala għall-Matriċi ta' Għawdex l-għada fit-tlieta ta' wara nofs inhar.

1639 Jiġu kkonsagrati żewġ qniepen.

1639 Il-Papa Urbanu VIII jikkonferma t-twaqqif tal-Kolleġjata u jiġu mogħtija setgħat ikbar.

1644 Is-sena tat-Terrimoti. Wegħdiet lill-Assunta u Sant'Ursla. L-istatwa ta' Sant'Ursla maħruġa fil-Bieb tal-Matriċi għal tlitt ijiem.

1649 L-Isqof jagħti ġurisdizzjoni lill-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann fuq il-Knisja ta' Santa Marija ta' Kemmuna, il-Kappella ta' San Martin fil-Fortizza Garzes, u San Pawl ta' Marsalforn. L-Arċipriet tal-Matriċi jirrikorri Ruma li jagħtih lura San Pawl ta' Marsalforn.

1655 Il-Pesta l-Kbira. Imutu dwar 700 ruħ f'Għawdex. Wegħdi lil Assunta. Il-Gvernatur jippreżenta Lampier Kbir tal-Fidda u sett Gandlieri għall-Maġġur, kollox fidda mastizz, b'ringrazzjament għall-ħelsien mill-Pesta ta' Għawdex.

1662 Twaqqfu żewġ Kanonikati mill-Isqof Balaguer.

1663 Ikkonfermata Kolleġġjata minn Alessandro VII.

1664 Il-Papa Alessandru VII bil-Bolla Apostolika "Superna Dispositione" jikkonferma mill-ġdid il-Kolleġjata fil-Matriċi ta' Għawdex. Wieħed mill-Kanonċi ġodda huwa Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis, l-Istoriku ta' Għawdex.

1672 Twaqqif ta' Kanonikat ieħor mill-Papa Klement X.

www.gozocathedral.org.mt

1673 Twaqqif tal-Fratellanza tar-Rużarju.

1678 Il-Knisja ta' San Ġwann Battista tax-Xewkija mgħollija għad-dinjità Parrokkjali u b'hekk mifruda mill-Matriċi ta' l-Assunta.

1679 Il-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Għarb mgħollija għad-dinjità Parrokkjali u b'hekk mifruda mill-Matriċi tal-Assunta.

1688 San Ġorġ magħqud mal-Matriċi. Infirdu mill-Matriċi dawn l-erba' Parroċċi: Sannat, Żebbuġ, Nadur u Xagħra. Il-Beni ta' San Ġorġ mogħtija lill-erba' parroċċi l-ġodda u lill-Matriċi.

1689 Titwaqqaf il-Kongregazzjoni tal-qassisin, taħt il-ħarsien ta' San Filippu Neri.

1693 Terremot il-Kbir. Il-Matriċi u ħafna bini ieħor fil-Kastell imġarraf. Wegħda lil Sant'Ursla għall-ħelsien ta' Għawdex.

1693 Il-famuż arkitett Lorenzo Gafà jħażżeż il-pjanta għall-bini mill-ġdid tal-Matriċi. Waqt it-tħaffir għall-pedamenti jinstabu 2 kolonni mit-tempju Pagan ta' Venere u Gunone. Il-Gran Mastru Adrien de Wignacourt jibgħat 200 fjorin tad-deheb għall-bini tal-Matriċi. Il-Papa Innoċenzju XII jagħti ndulġenzi speċjali lil min jgħin biex tinbena l-Knisja l-ġdida.

1697 Jibda l-bini tal-Knisja preżenti, pjanta ta' Lorenzo Gafa'.

1703 Tberik ta' biċċa mill-knisja.
Ftuħ Solenni fil-lejl tal-Milied ta' biċċa mill-knisja.

1711 Tlestiet minn kollox il-Knisja l-Ġdida. L-Isqof Giacomo Cannaves jirregalalha l-Lampier Prinċipali tal-Fidda u s-Salib tal-Kleru, kif ukoll sett Gandlieri tal-Fidda. Lorenzo Gafà jnaqqax hu stess il-Glorji taċ-Ċena u tar-Rużarju u jiffirmahom. (Laus—Lorenzo: et Gloria—Gafà 1711).

1712 Talba mill-Kanonċi tal-Matriċi għas-separazzjoni tad-Djoċesi minn Malta. Il-Papa Clement XI ma jilqax it-talba.

1716 Konsagrazzjoni tal-Knisja mill-Isqof Cannaves.
Il-Knisja mkabbra u mżejna iktar.

1717 Ġiet imwaqqfa l-Fratellanza ta' l-Agonizzanti.

1717/18/21 L-Isqof Giacomo Cannaves jamministra s-Sagrament tal-Griżma lil madwar 800 tifel u tifla minn Għawdex kollu fil-Matriċi.

1728 Il-Papa Benedittu XIII ta lill-Kanonċi r-rukkett, mozzetta u kappamanja.

1729 Twaqqfet il-Fratellanza tal-Kurċifiss.
L-Isqof Alferan waqqaf ħames prebendi ġodda.

1732 Il-Kanonku Dun Renat Grima ħallas is-somma ta' elf skud biex jinħadem l-Artal Maġġur bil-Malakita. Disinnjatur Artist Fjorentin.

1732 Antonio Manuele Luċertola minn Messina pitter il-famuża Koppla Falza, kopja ta' dik ta' Ruma li pittirha P. Andrea del Pozzo S. J.

1733 Il-Kapitlu u l-Arċipriet ħallsu għall-kor tal-ġewż li nħadem Palermo.

1734 Ġiet mibnija s-Sagristija tal-Knisja.

1736 Ġiet mibnija l-kappella tas-Salvatur għax qabel kienet biċċa mis-Sagristija.

1737 Twaqqaf is-17-il Kanonikat bl-isem ta' Penitenzier.

www.gozocathedral.org.mt

1739 Tqegħid tal-pittura tal-koppla finta, xogħol tal-magħruf Antonio Manuele ta' Messina.

Jiġu kkonsagrati żewġ qniepen oħra.

1741 L-Isqof Fra Pawl Alpheran de Bussan iddikjara 'l San Franġisk da Paola, Protettur Minur t'Għawdex minflok San Publiju u Sant'Agata. Reskritt mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti f'dan is-sens.

1742 Ġie mibni l-Battisterju tal-Knisja magħmul minn alabastru li ġie misjub Għawdex mill-Gran Mastru Despuig fis-sena 1738.

L-Isqof Alpheran jirregala l-Kasserizzi lill-Kapitlu tal-Matriċi.

1745 Il-Kanonku Bondì jirregala l-Kwadru ta' Sant'Ursla. Il-Qadim meħud fil-Banca Giuratale. Il-Ġurati jesiġu li jżommu tnejn mit-tlett ċwievet tas-Santissimi Relikwi tal-Matriċi. L-Isqof jikkonċedilhom dan id-dritt tagħhom.

1745 Il-Kapitlu jiddeċiedi li jibda jagħti Palju għall-ewwel debba rebbieħa fit-tiġrija tradizzjonali ta' Santa Marija.

1746 Is-Sultan Pintu jżur il-Matriċi f'jum l-Assunta u flimkien mal-Gvernatur u l-Ġurati jieħu sehem fil-Purċissjoni. Fil-għaxija jqassam il-premjijiet tat-Tiġrija minn fuq il-Barrakka.

1773 Papa Klement XIV jinnomina direttament lil Dun Saver Cassar min-Nadur, bħala Arċipriet tal-Matriċi.

1773 L-Arċipriet Dun Saver Cassar minn Nadur, ikkonfermat mill-Isqof Fra Vinċenzo Labini, jieħu l-Pussess Solenni fil-Matriċi.

1775 L-Arċipriet Cassar innominat Vigarju għal Għawdex.

1791 Il-Kanonku Benedetto Stellini jordna t-Titular il-ġdid lill-Pittur Michele Busuttil. Iqum 180 skud. Tlesta fl-istess sena.

1791 Il-Kanonku Benedetto Stellini jordna l-kwadri laterali ta' San Publiju u Sant'Agata lill-Madiona.

1795 Busuttil ipinġi ż-żewġ Kwadri laterali tal-Kor. Iħallas għalihom il-Kanonku Stellini.

1798 Napuljun jaħkem Malta. Il-Ġeneral Reynier jidħol San Blas u Għajn Barrani u jimmarċja fuq ir-Rabat. L-Arċipriet Cassar elett Kap Kmandant tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi.

1798 L-Arċipriet Cassar jibda l-ħbit kontra l-Franċiżi fil-Gran Kastell. Jarresta żewġ Kanonċi u jeżilja lin-Nutar Ġużè Bondì Cauchi lejn ix-Xagħra fuq akkuża ta' Tradiment Għoli. Il-Franċiżi jċedu. Cassar ikkonfermat Kap Suprem ta' Għawdex, jordna li tinżel il-Bandiera Ngliża u titla' flokha l-Bandiera tar-Re taż-żewġ Sqallijiet.

1800 Rikors tal-Arċipriet Cassar Ruma għas-separazzjoni tad-Djoċesi. Jirrikorri wkoll għand ir-Re taż-Żewġ Sqallijiet għar-"Regio Exequatur". Ir-rikors ma jiġix milqugħ mill-Papa iżda rrakkomandat b'ittra personali mir-Re.

1805 Imut l-Arċipriet Saver Cassar. Midfun fil-Matriċi fil-Qabar ta' l-Arċiprieti.

1814 Il-Pesta f'Għawdex ristretta għax-Xagħra. Imut il-Kanonku Custò. Il-familja Custò meħuda taħt it-tined ix-Xagħra. Wegħda

www.gozocathedral.org.mt

tal-Għawdxin lil Sant'Ursla għall-ħelsien mill-Pesta. Il-Pesta tieqaf.

1818 Il-Gvernatur Maitland jissoprimi l-Università. Iċ-ċwievet tar-Relikwarju tal-Matriċi li kienu għand il-Ġurati issa f'idejn il-Provikarju għal Għawdex.

1820 Il-Papa Piju VII jibgħat is-sandli Tiegħu bħala rigal lill-Kapitlu ta' Għawdex.

1821 L-Eredi tal-Abbati Menville jippreżentaw sett ta' Kwadri jirrappreżentaw l-Apostolat u l-Madonna lill-Matriċi tal-Assunta. Jiddendlu fis-Sagrestija l-Kbira.

1825 Il-Konsagrazzjoni ta' 6 altari fil-kappelluni.

1836 Rikors mill-Kapitlu għas-separazzjoni tad-Djoċesi rrifjutat mill-Papa Girgor XVI.

1847 Sar l-artal tar-irħam tal-kor.

1851 Sar il-kwadru ta' l-artal ta' S. Ursula.

1852 Sar il-kwadru ta' l-artal ta' S. Filippu Neri.

1859 Il-bidu tax-xogħol ta' l-Oratorju u ta' l-Awla Kapitulari l-qadima.

1860 Tmiem tax-xogħol ta' din l-Awla Kapitolari.

1864 Il-Papa Piju IX bil-Bolla Tiegħu "Singulari Amore" jissepara lil Għawdex f'djoċesi separata minn Malta. Jinnomina lill-Monsinjur Michele Francesco Buttigieg l-ewwel Isqof t'Għawdex. Jgħolli l-Knisja Matriċi Insinji Kolleġjata għad-Dinjità Suprema ta' Knisja Kattidrali. Jordna li jinfetaħ Seminarju Veskovili.

1864 Id-Dekan tal-Knisja Kattidrali ta' Malta Dr. D. Luigi Fernandez bħala Delegat Apostoliku, ta l-Pusses lill-Kanoniċi Kapitulari kollha li kienu 22 wieħed.

1865 Tqegħid tal-Bust ta' Piju IX, xogħol maħdum Ruma minn Mario Gori.

1866 Mons. Fra Pawl Micallef sar Amministratur.

1868 Mons. Anton Grech Delicata sar Isqof t'Għawdex.

1877 Mons. Pietru Pace sar Isqof t'Għawdex.

1880 Sar is-soffitt tas-sagristija, xogħol tal-pittur Bruschi.

1882 Il-konsagrazzjoni ta' l-artal tal-kappella tas-Sagrament.

1885 Harġet il-parroċċa ta' Kerċem mill-Knisja Kattidrali.

1888 Saret il-pittura ta' l-abside tal-kor u ta' erba' lunetti.

1889 Mons. Ġovanni Camilleri O.S.A. sar Isqof t'Għawdex.

1891 Tpoġġiet l-aħħar lapida ta' l-irħam fil-Knisja Kattidrali.

1895 Skultura u Dekorazzjoni tal-kappella tas-Sagrament.

1897 Pittura ta'erba' Evanġelisti tal-Kappella tas-Sagrament.
Il-bini ta' l-Awla Kapitulari l-ġdida u biċċa Sagrestija.

1907 Il-Papa S. Piju X jikkonferma l-użu tal-mitra u jagħti t-titlu ta' Monsinjuri lill-Kapitlu Kattidrali.
Tibda l-pittura tas-saqaf mill-pittur Malti Ġanni Vella.

1911 Harġet il-parroċċa tal-Fontana mill-Knisja Kattidrali.

1914 Sett gandlieri famużi tal-fidda jiġu maqbudin id-Dwana ta' Trieste minħabba l-gwerra.
Il-pittur Ġanni Vella jispiċċa l-pittura tas-saqaf.

www.gozocathedral.org.mt

1914 Imut Għawdex. Mons. Pietru Pace Arċisqof—Isqof ta' Malta, wieħed mill-ikbar benefatturi tal-Kattidral.
Restawrar tal-pittura ta' l-abside tal-kor.

1920 Waslu l-Gandlieri tal-fidda li kien baqa' s-safar għall-artal Maġġur għall-festa ta' Santa Marija. Opra kbira ta' fidda li tqum ħafna flus.

1924 Mons. Gonzi sar Isqof t'Għawdex.

1926 Ġie nawgurat id-dawl elettriku fil-knisja lejlet il-Milied.

1943 Sar l-irħam tat-taraġ tat-tron u ta' ħdejn il-bust ta' Piju IX.

1944 Mons. Ġużeppi Pace, Arċidjaknu tal-Kapitlu sar Isqof t'Għawdex, wieħed mill-benefatturi kbar tal-Knisja.

1955 L-Isqof Pace fired il-Parroċċa ta' S. Ġorġ, illum Bażilka, mill-Knisja Kattidrali.

1956 L-Isqof Pace bierek l-istatwa famuża ta' l-Assunta rregalata mill-Banda Fil. "Leone" lill-Knisja Kattidrali.
Beda jinfetaħ il-ħajt tas-sur ta' quddiem il-Knisja Kattidrali.
Saret in-niċċa ta' Marija Assunta.
Reġgħet bdiet issir il-Griżma ta' l-Isqof u l-Ewwel Tqarbina tat-tfal fil-Knisja Kattidrali.
Harġet l-ewwel darba l-proċessjoni fil-għaxija mill-Knisja Kattidrali bl-istatwa ta' l-Assunta.

1957 Ġiet imwaqqfa l-Fratellanza ta' S. Marija.
Bdew isiru l-eżerċizzi spiritwali għall-irġiel u n-nisa.
Iżżanżnu kuruna tal-fidda u pavaljun biex taħtu titqiegħed l-istatwa ta' l-Assunta.

1959 Bdew isiru t-triehi rrakkmati tal-bellus ta' l-artali kollha. Illum għoddhom tlestew.

1962 Sar il-paviment ta' l-irħam tal-kappella tas-Sagrament u l-qabar ta' l-irħam fl-istess kappella fejn sa jindifen Mons. Isqof G. Pace. Ħallas għal din l-opra l-imsemmi Isqof.
Wasal minn Ruma l-pedistal tal-fidda maħdum minn Paul Del Vecchio.

1964 Il-Bradella u l-Bankun ta' taħt il-Madonna tlestew għalkemm mhux minn kollox.
Tlestiet in-niċċa ta' San Ġużepp minn kollox.

1965 Iżżanżnu sett linef ta' kristal mill-ifjen, benefattur Victor Gatt.
Tlesta t-tabernaklu tal-fidda għall-kappella tas-Sagrament.
Bdew isiru l-Kwaranturi tlitt ijiem fuq il-festa ta' Lapsi.
Festi kbar fil-Kattidral f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tad-Djoċesi. Iffunzjona l-Kardinal Luigi Traglia.

1965 Il-Papa Pawlu VI jagħti medalja tad-deheb lill-Knisja Kattidrali t'Għawdex bħala tifkira ta' l-Ewwel Ċentinarju tad-Djoċesi.

www.gozocathedral.org.mt

Pitturi li Hadmu fil-Knisja Kattidrali

1. Arena G. pitter il-kwadru taċ-Ċena u S. Franġisk di Paola.
2. Bruschi pitter is-soffitt tal-kor.
3. Busuttil Mikele pinġa l-kwadru titulari flimkien mat-tnejn laterali tal-kor u dak ta' S. Ġużepp fuq kopja tad-Domenichino.
4. Hyzler pinġa l-erba' lunetti tal-kopla u l-kwadru ta' S. Ursula.
5. Madiona T. pitter il-kwadru ta' S. Publiju, ta' S. Agata u ta' S. Filippu.
6. Manuele Antonio pitter il-famuża koppla finta.
7. Vella Ġanni pinġa s-saqaf kollu kif ukoll iż-żewġ Arzelel.
8. Zahra F. pinġa l-kwadri tal-Madonna de Solidad u tal-Qalb ta' Ġesú li hemm fil-kappella tas-Sagrament.

N.B. Il-Kwadri tal-Madonna tar-Rużarju kif ukoll dak tat-Trasfigurazzjoni jaħsbu li tpinġew minn xi pittur Ruman, x'aktarx minn studenti tal-Caravaggio.

Papiet li taw Onorificenzi Godda lill-Kapitlu tal-Kattidral

1. Il-Papa Benedittu XIII ta lill-kanoniċi r-rukkett, mozzetta u kappamanja.
2. Il-Papa Piju VI ta s-salib tat-tmien ponot, lazz tad-deheb u ħarir aħmar kif ukoll fettuċja kaħla.
3. Piju IX ta l-mazza lill-Kapitlu.
4. Leone XIII ta s-suttana ħamra tal-ħarir għas-sajf u dik tas-suf għax-xitwa, is-suttana fillettata, il-Mantelletta, il-Canone, il-Buġija, il-Baċir għall-ħasil ta' l-idejn fil-quddiesa, il-Mitra u t-titlu ta' Monsinjur.
5. S. Piju X jagħti lill-Kapitlu ġummiena ħamra fil-berrettin u l-użu tal-mitra.
6. Pawlu VI jagħti l-għoqda fil-lazz tad-deheb u tal-ħarir aħmar.

www.gozocathedral.org.mt

Dan hu l-pedistall waħdani tal-fidda li jinsab fil-gżira Għawdxija. Fuq dan il-pedistall titqiegħed l-Istatwa ta' Marija Assunta meqjuma fil-Knisja Kattidrali t'Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt

L-OPRA TAL-PEDISTALL TAL-FIDDA

Minn mindu l-Banda "Leone" tat b'xejn l-istatwa sabiħa ta' Marija Assunta lill-Knisja Kattidrali, in-nies ta' din il-parroċċa xtaqu li jżejnu lill-Madonna bi ħwejjeġ rikki. Fis-sena ta' wara għall-festa tagħha tal-15 ta' Awwissu 1957 iżżanżnu pavaljun tal-lama bajda u ċelesti rrakkmati għand is-sorijiet tal-Karità kif ukoll kuruna tal-fidda maħdumin mill-Aħwa Cassar ta' Bormla.

Iżda l-akbar xewqa tal-poplu tal-Kattidral kienet li jagħmel pedistall tal-fidda biex fuqu titqiegħed l-Assunta. Għal dan il-għan inħatar Kumitat speċjali bl-approvazzjoni ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace u taħt il-presidenza ta' Mons. Mikele Grech. L-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat saret fid-dar ta' l-Avukat Francesco Masini nhar il-11 ta' Settembru 1958 fil-5.00 p.m. Aktar tard ġie mnedi konkors fost l-aħjar disinjaturi Maltin u Għawdxin biex jissottomettu lil dan il-Kumitat disinn ta' pedistall li jkun jaqbel ma' l-istil ta' l-istess knisja Kattidrali. Bosta kienu dawk li kkonkorrew. Dawn id-disinni ġew mibgħuta lill- "Commissione Delle Belle Arti" f'Ruma u din għażlet id-disinn tas-Sur Samwel Bugeja ta' tas-Sliema. Wara li sar il-ġbir meħtieġ għal dan il-pedistal tal-fidda, f'Settembru 1960 il-Kumitat inkarigat reħa f'idejn id-Ditta "Francesco Rosa" ta' Ruma x-xogħol ta' din l-opra. Dan il-pedistall li jiswa eluf ta' liri tlesta u wasal Għawdex fil-bidu t'Awwissu 1962. L-erba' faċċati tal-pedistall jippreżentaw: a) L-Inkurunazzjoni tal-Madonna, b) It-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, c) It-Taħbira li l-Anġlu Gabriel għamel lil Marija u d) Iż-Żjara tal-Madonna lill-qaribtha Elizabetta. L-erba' statwi tal-kantuniera ta' dan il-pedistall jippreżentaw lil S. Ambroġ, S. Wistin u l-Papiet S. Bonaventura u S. Girgor. Dan hu l-pedistall waħdieni tal-fidda li jinsab fil-gżira Għawdxija.

Inkunu qegħdin nonqsu minn dmirna jekk ma nistqarrux li r-Rev. mu. Kapitlu ta' l-istess knisja mhux dejjem wera l-ko-operazzjoni meħtieġa flimkien ma' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Pace biex dawn l-opri setgħu jirnexxu. Anzi nazzardaw ngħidu li riedet tkun din il-ko-operazzjoni biex dawn l-opri rnexxew daqshekk. U biex nagħtu prova ta' din il-verità hawnhekk insemmu li kien l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof kif ukoll ir-Rev. mu. Kapitlu li fl-istess żmien mill-beni tal-Knisja Kattidrali għamlu orgni ġdid tad-Ditta Ġermaniża ta' Bosh, id-damask tal-korsija, tas-salib u tal-kor kif ukoll apparat u tużell ġdid — opri li swew l-eluf ta' liri.

Bħalissa wkoll Vincenzo Cauchi qiegħed jieħu ħsieb ta' opra oħra kbira — l-gwarniċ u l-vintartal tal-fidda għall-kappella tas-Sagrament. Id-disinn ta' din l-opra ġie magħmul mid-Dekoratur Ġuże' Galea tar-Rabat ta' Malta. Għal din l-opra għandna miġburin fuq £600.

Ta' min isemmi wkoll li f'April ta' din is-sena l-Familja Debrincat u l-Familja Gatt li t-tnejn joqogħdu l-Amerka bagħtu somma ta' flus ġmiela biex biha tiġi miksija bl-irħam in-niċċa tal-Madonna. Nittamaw li din l-opra sa sena oħra tiġi mwettqa.

www.gozocathedral.org.mt

Din hija waħda mill-faccati tal-bronż li jinsabu fil-bankun ta' taħt l-Istatwa ta' l-Assunta.

www.gozocathedral.org.mt

OPRI OHRAJN FIL-KNISJA KATTIDRALI

L-Opra tal-Bradella u tal-Bankun

Din l-opra nħadmet u għadha tinħadem fuq id-disinn tal-magħruf disinjatur tal-pedistall tal-fidda. Din l-opra hija magħmula minn injam tal-ġewż u mill-bronż. Ix-xogħol ta' l-injam hu maħdum mill-magħruf mastrudaxxa Għawdxi Baskal Attard. Il-kummissjoni ta' din il-biċċa xogħol kbira ħadha f'idejh l-imsemmi mastrudaxxa nhar it-12 ta' Mejju 1963 u kienet lesta f' Novembru ta' l-istess sena. Kull faċċata ta' dan il-bankun sa tkun imżejna b'erba' plakki tal-bronż imżejna b'figuri maqlugħin 'il barra. Dawn l-erba' plakki li sa jirrappreżentaw il-mewt tal-Madonna, il-Madonna nhar l-Għid il-Ħamsin, il-Madonna fit-tieġ ta' Kana u l-Madonna fl-adorazzjoni tas-slaten Maġi. L-ewwel tnejn huma diġà lesti. F'kull kantuniera ta' l-istess Bankun tinsab eroina tar-Rabta l-Qadima li huma wkoll tal-bronż. Dawn l-eroini huma: Ġuditta, Ester, Debora u Giale. L-ewwel tlieta huma diġà lesti. Ix-xogħol tal-bronż li qed jinħadem fil-fonderija ta' M. Abela & Sons tal-Blata il-Bajda qed jinfurmah, jimmudellah u jieħu ħsiebu kollu l-istess disinjatur, is-Sur Samwel Bugeja kif ukoll ix-xogħol ta' l-iskultura li fih dan il-bankun. Nittamaw li f'qasir żmien ikun lest kollu kemm hu.

L-Opra tat-Triehi

Opra oħra sabiħa li saret fil-Kattidral mill-1956 hija dik tat-trieħi rrakmati fuq il-bellus mis-Sorijiet tal-Karità. Din l-opra ħa ħsiebha u għadu jieħu ħsiebha Mons. Tarċisju Gatt. F'din is-sena sa tiżżanżan dik tal-Kappella tas-Sagrament u għalhekk issa jkun baqa' biss tal-Kappella tal-Kurċifiss li nittamaw tkun lesta sena oħra.

L-Opra tat-Tabernaku tal-Fidda

Din l-opra saret matul is-sena li aħna fiha. Kien nhar l-ewwel ta' Novembru 1964 meta Mons. Tarċisju Gatt ħabbar minn fuq l-artal lin-nies tal-Kattidral biex jagħtu bċejjeċ tal-fidda li huma miksura jew ma humiex jiġu wżati għal dan il-fini. F'qasir żmien inġabru madwar 10 rtal fidda li ġew mogħtija lis-Sur Ġużeppi Mejlaq li ħa ħsieb permezz ta' dawn il-bċejjeċ kisseb il-fidda meħtieġa għal dan it-tabernaklu tal-Kappella tas-Sagrament. Dan it-tabernaklu ġie maħdum mill-imsemmi Arġentier Għawdxi, Ġużeppi Mejlaq fuq id-disinn tad-dilettant Għawdxi Ġużeppi Sagona.

www.gozocathedral.org.mt

Faccata tat-Terħa ta' l-Artal l-Maġġur.

www.gozo.org.mt

Fundazzjonijiet Godda Fil-Knisja Kattidrali

Il-fundazzjonijiet ġodda fil-Knisja Kattidrali t'Għawdex kibru u żdiedu ġmielhom f'dawn l-aħħar snin. Saru fundazzjonijiet perpetwi, il-quddies kollu li jsir fit-tlitt ijiem tal-Kwaranturi bejn l-4.30 a.m. sas-1.00 p.m. kif ukoll dak il-quddies li jsir matul il-lejl ta' bejn l-aħħar jumejn ta' dawn il-Kwaranturi. Saru wkoll fundazzjonijiet perpetwi ħafna mill-quddies li jsir fil-Knisja Kattidrali nhar il-15 ta' Awwissu fil-festa ta' Santa Marija kif ukoll il-quddies ta' fil-għaxija li jsir fis-Seba' Festi Prinċipali tal-Madonna li jaħbtu matul is-sena, fix-xahar kollu ta' Mejju, fil-Ħmistax il-Erbgħa ta' qabel il-festa ta' Santa Marija, fl-ewwel tnax il-ġurnata tal-Kwindiċina ta' S. Marija, fl-ewwel Sibtijiet u fl-ewwel ġimgħat tax-xahar, fin-Novena tal-Milied, fid-dehriet kollha ta' Lourdes, fil-Ġimgħat tar-Randan, fl-Erbgħat ta' S. Ġużepp, fil-festi tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' S. Ġużepp tad-19 ta' Marzu, ta' S. Ġużepp Ħaddiem ta' l-1 ta' Mejju, ta' S. Mikiel, ta' S. Antnin, f'Ras ir-Randan, fit-2 ta' Novembru u fid-29 t'April—id-data li tfakkar meta l-Banda "Leone" tat b'xejn l-istatwa ta' Santa Marija lill-Knisja Kattidrali.

Barra minn hekk saru wkoll fundazzjonijiet perpetwi l-priedki li jsiru fin-Novena tal-Milied, dawk li jsiru fil-Kwaranturi u fil-Ħmistax il-Erbgħa ta' qabel il-festi ta' S. Marija kif ukoll dawk li jsiru fil-festi tal-Milied, ta' l-ewwel tas-sena, ta' l-Epifanija, ta' S. Ġużepp tad-19 ta' Marzu, ta' S. Ġużepp Ħaddiem fl-1 ta' Mejju, tat-Tlugħ ta' Sidna Ġesù Kristu fis-Sema, ta' Corpus Domini, ta' S. Pietru Pawl, tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja, tal-Kunċizzjoni u ta' l-ewwel ta' Novembru dwar l-Erwieħ tal-Purgatorju.

Dawn il-fundazzjonijiet juru biċ-ċar kemm in-nies tagħna għadha tħobb il-Knisja.

www.gozocathedral.org.mt

Is-Socjeta' Fil. "Il Leone" ġabet din l-istatwa ta' l-Assunta minn Ruma bit-tħabrik ta' l-Imħallef Cremona meta l-Isqof Camilleri reħa f'idejn l-imsemmija Socjeta' l-festi esterni ta' S. Marija fis-sena 1897. Din is-Socjeta' Filarmonika tat din l-istatwa b'xejn lill-Knisja Kattidrali fid-29 ta' April 1956. Din l-istatwa ta' kull sena tiġi mdawra mat-triqat tar-Rabat fi processjoni fil-15 ta' Awissu.

www.gozocathedral.org.mt

Quddiem l-Istatwa ta'
L-ASSUNTA

(MEQJUMA FIL-KATTIDRAL GHAWDEX)

ĦSIBIJIET

Xħin nieqaf quddiemek,
Inħares fiss lejk,
Biex nixrob minn ħarstek,
Il-ħlewwa t'għajnejk;
Inħossni nintilef
Ġo ħolma smewwija,
Inħossni nissaħħar,
Bi ġmielek Marija.
U jgħib minn quddiemi,
Il-ġmiel tal-ħolqien,
Quddiemek jixxejjen
Kulħadd, kullimkien.

Xħin ħarsti tiltaqa'
Ma' ħarstek qawwija
Li tinżel ġo qalbi,
U bl-imħabba timlija,
Nistħajjel qed nixrob,
U nogħxa bil-benna,
Tal-faraġ u l-ħlewwa,
Li hemm ġewwa l-ġenna.
U għalkemm ġmielek jimla,
Lill-qlub ma jxebbax,
Min fejnek jithenna,
Iż-żmien ma jarax.

Xħin nieqaf nitgħaxxaq,
Bil-lewn ta' ħaddejk,
Fuq fommok tbissima
Tbexxaqlek xuftejk;
Wisq eħla mill-għasel,
Int ħelwa Marija,
Ta' fommok il-ward sbejjaħ,
Fil-jiem tar-Rebbiegħa.
Jien nikser bil-fwieħa,
Tal-bjuda silġija
Wisq aqwa mill-ġilji,
Ta' qalbek Marija.

Xħin nilmħek quddiemi,
B'dirgħajk miftuħin,
Imtajra mill-anġli,
Lejn Alla ħanin,
Li bħala rebbieħa,
Mill-mewt irxuxtajt,
U b'ruħek u b'ġismek,
Fis-sema wkoll tlajt,
Jien b'qalbi qawwija
Fil-ġenna nittama,
Fejn għandi Omm twajba,
Sabiħa u setgħana.

John Cremona.

www.gozocathedral.org.mt

ATTIVITAJIET ĠODDA FIL-KNISJA KATTIDRALI

L-attivitajiet parrokkjali ġodda li għalihom jattendu ħafna nies fil-Kattidral bdew fis-sena 1956.

Attivitajiet ta' kuljum: Kuljum fil-għaxija jingħad ir-Rużarju u tingħata l-Barka Sagramentali. Għall-kumdità tan-nies fil-għodu jkun hemm quddies kull nofs siegħa mill-5 a.m. sas-7.30 a.m. Fil-Ħdud u fil-Festi Kmandati barra Konventwali jkun hemm quddiesa kull siegħa mill-4.15 a.m. sat-8.00 a.m. u oħra fl-10.30 a.m. li jsiru bid-Djaknu u l-Lettur kif titlob il-Liturġija l-ġdida tal-Quddiesa.

Attivitajiet ta' matul is-sena: Isiru devozzjonijiet speċjali fil-Kattidral ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù, ta' kull l-ewwel Sibt tax-xahar f'ġieħ il-Qalb ta' Marija, ta' kull Erbgħa tax-xahar f'ġieħ S. Ġużepp kif ukoll fix-xhur ta' Mejju u ta' Ottubru f'ġieħ il-Madonna u fix-xahar ta' Novembru f'ġieħ l-erwieħ tal-Purgatorju. Id-dehriet ta' Lourdes, il-festi prinċipali tal-Madonna u ta' S. Ġużepp, in-Novena tal-Milied, il-Ġimgħat tar-Randan u bosta festi oħra bdew jiġu ċċelebrati kif jixraq.

Mill-1957 bdew isiru fil-Kattidral l-Eżerċizzi Mqaddsa għall-irġiel u n-nisa fir-IV Ġimgħa tar-Randan. L-Erbgħa ta' fuq il-festa ta' Għid il-Ħamsin issir daż-żmien l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal. Bdew ukoll jinżammu festi solenni fil-Kattidral ta' saċerdoti novelli miktubin ma' din il-Knisja.

Festa ta' Santa Marija: Is-sollenità tal-festa ta' l-Assunta kibret ħafna f'dawn l-aħħar snin. Bdew isiru l-Erbgħat ta' qabel il-festa ta' S. Marija u l-priedka tal-Kwindiċina bdiet issir fil-għaxija. Daż-żmien isir ukoll Tridu l-iktar Sollenni f'ġieħ l-Assunta li fih jieħu sehem il-Kapitlu ta' l-istess knisja u l-matutin tal-festa beda jsir bil-mużika. Iżda kienet tassew il-proċessjoni ta' fil-għaxija li iddur mat-triqat prinċipali tar-Rabat bl-istatwa ta' l-Assunta li tat l-ikbar spinta 'l fuq lill-festi ta' S. Marija.

Il-Kwaranturi Mqaddsa: Festa oħra li kabbret l-attivitajiet tal-Knisja Kattidrali kienet dik tal-Kwaranturi. Dawn l-ewwel kienu jsiru fit-tlitt ijiem ta' wara l-Milied. Iżda fis-sena 1957 ġew trasferiti għall-aħħar tlitt ijiem tas-sena. Imma minħabba l-maltemp l-Isqof attwali għoġbu f'din is-sena (1965) jittrasferihom għal dejjem għat-tlitt ijiem ta' wara Lapsi. U din kienet l-ewwel sena li saret il-proċessjoni tal-Kwaranturi fil-għaxija mat-triqat prinċipali tar-Rabat.

Id-29 ta' April: Kienet ħaġa xierqa li din id-data tibqa' mfakkra fil-Knisja Kattidrali għax hi tabilħaqq il-fus li fuqu jduru l-attivitajiet ġodda tal-Kattidral tagħna. Għalhekk f'din il-ġurnata jsir quddies fil-għaxija b'diskors taċ-ċirkustanza kif ukoll jitkanta t-"Te Deum" b'radd ta' ħajr lil Alla.

Ta' dawn l-attivitajiet ġodda kollha għandna għax nroddu ħajr lill-Eċċ. T. Mons. Isqof Ġużeppi Pace għax hu kien li dejjem approvahom mingħajr l-iċken tfixkil.

www.gozocathedral.org.mt

How many whiskies can you see in this picture?

Sorry, but you're quite wrong. "White Label" is made magnificent from as many as *40* different whiskies, all smoothly put together to give you that unique Dewar taste of real Scotch. Little wonder it's the favourite drink of so many Scotsmen. Forty whiskies for the price of one!

"White Label"

never varies

SCOTCH WHISKY BY DEWARS



It's the finest— it's FARSONS

Farson's brewing experience and skill is unrivalled and the beers and lagers produced at Mriehel are enjoyed, not only in Malta, but in many overseas countries. The brewery itself incorporates the latest improvements in brewing technology and fully automatic air-conditioning. Whether you enjoy the sparkling continental flavour of lager, the health-giving goodness of beer or stout, or the refreshing, thirst-quenching quality of soft drinks, you can be sure of one thing —if it's Farsons, it's the finest!

Brewers of Blue Label, Hopleaf, Cisk Lager, Bitter Ale, Lacto Stout, Farsons Stout: Makers of Kinnie: Specialists in Wines and Spirits.

10,000 MILES with an outboard!

Chrysler sets the pace with proven engine endurance

Now you can own an outboard built by the news-making car manufacturer, an outboard that slashed the 10,000 mile world endurance record by 7 full days! This feat was performed by the West Bend/Chrysler 50 hp outboard, one of eight great models by Chrysler Outboard Corporation.

The newest and hottest entries in the outboard motor field are built by Chrysler with performance-proven Chrysler toughness and dependability — features that spell dollars-ahead value to YOU.

See the great new line of outboards by

CHRYSLER OUTBOARD CORPORATION

DORIS JEWELLERY

DAPTA 12

QTAR TAL-VITAMINI

Għat-Trabi li ma humiex

qegħdin fuq **S.M.A.**

S.M.A.

L-aħjar ħalib għat-trabi mimli

bil-vitamini.

mingħand kull spiżjar

www.gozocathedral.org.mt

OSTERMILK

L-aqwa Halib

Ghat-Trabi

SPIRITEX

L-aħjar

Insect-Killer

u jagħmel

id-dar tfuħ

BROOKLAX

The British

chocolate

Laxative

Ends constipation

overnight

www.gozocathedral.org.mt

GĦALL-AĦJAR

U L-ORĦOS

XEMA

Irrikorru għand:

James Micallef & Sons

Ta' Haz-Zebbug, Malta.

D'amato Disc
Diski Maltin

Ġenoveffa, Toni Bajjada, Festa f'Raħal, Iż-Żaqqieq, Il-Mara w ix-Xitan, Destin ingrat, Il-qerq tan-nisa, Il-Mara Ħalja, Għaliex ma żżewwiġtx, Lieni l-Karkariża, Ajma żaqqi kemm ksuħat u oħrajn mingħand:-

Ant. D'Amato

98, 99 St. John Street.

Valletta

Dial 24348.

Iktbu għal-lista.

FORD

Minghand

GASAN ENTERPRISES LTD.

20, KINGSWAY, VALETTA

Tel. 25343

RUE D'ARGENS, GŻIRA

Tel. 30001

HEMPEL'S
paints are best

Hempalin

(Enamel u Undercoating)

Hempatone

(Zebgha tal-Plastic)

www.gozocathedral.org.mt

DUN FRANGISK SCICLUNA

L-ewwel Vigarju Ko-operatur tal-Kattidral kien il-mejjet Dun Franġisk Scicluna. Okkupa dan il-post minn Awissu tal-1958 sa Awissu tal-1962, meta miet fl-għomor ta' 34 sena. Kien saċerdot żelanti u maħbub minn kulħadd. Qabel l-1958 kien jagħmel il-parti ta' Kappillan Mons. Tarċisju Gatt, fejn ħadem bla heda fl-iżjed żmien diffiċli. Kien il-bidu ta' kull attivita' ġdida fil-Kattidral.

MONS. CARMELO SCICLUNA

It-tieni Vigarju Ko-operatur huwa Mons. Carmelo Scicluna. Ħu l-mejjet. Ilu f'din il-kariga minn Awissu tas-sena 1962. Għall-ħidma għaqlija tiegħu u x-xogħol fejjiedi f'kull qasam tal-Knisja, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġius. Pace għoġbu jaħtru Monsinjur Kuġitur ta' din l-Insinji Knisja Kattidrali fis-sena 1965.

www.gozocathedral.org.mt

Dan hu l-kwadru titulari tal-Kattidral t'Għawdex
xogħol tal-Pittur Mikiel Busuttil

www.gozocathedral.org.mt